# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 4.5

**Kapitlu 4: Ejja inkunu ħbieb tajbin!**

**Lezzjoni 4.5:** Ġesù jgħidilna x'nagħmlu mal-ħbieb tagħna.

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jifhmu li Ġesù jridna nkunu ħbieb tajbin bħalma kien hu.
2. Jifhmu li Ġesù jridna nkunu ħbieb billi ngħinu lil xulxin.
3. Jagħrfu li jridu jkunu ħbieb ma' kulħadd.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



-Starboard presentation.

- Worksheet 4.4.
- Online puzzles.
- Karta ta' Taħriġ Addizzjonali.

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-logħba tal-mera billi tgħid lit-tfal li huma taparsi l-mera tiegħek u ħa jagħmlu kif ser tagħmel int. L-għalliema tagħmel azzjonijiet ħfief bħal taqbeż, iċċapċap, tmiss rasha, bilwieqfa fuq sieq waħda, tagħmel ta' birruħha tibki jew inkella xi wiċċ tad-daħk. L-għalliema tista' tagħti ċans lil tfal oħra joqogħdu jagħmlu dawn l-azzjonijiet minflokha.



## Nisimgħu flimkien (actual lesson)



- Spjega li biex inkunu ħbieb tajbin irridu nkunu l-mera ta' Ġesù. Dan x'ifisser? Ser nilbsu bħal Ġesù jew ... ser nagħmlu kif kien jagħmel Ġesù?
- Uri bil-għajnuna tal-i*Starboard Presentation* eżempji differenti fejn Ġesù wera l-ħbiberija tiegħu. Kull slide, flimkien mal-istampa, fiha żewġ kelmiet. It-tfal jagħżlu liema mill-kliem taqbel mal-istampa. (eż jgħin jew ifejjaq). Jarmu fil-bin (delete) il-kelma li ma taqbilx mal-istampa.

- Iftaħ il-Ktieb tal-Attivitajiet 4.5 u għin lit-tfal ipoġġu l-ittra t-tajba fil-qalb. Wara għinhom jaqraw is-sentenza. Għandek ukoll karta ta' **Taħriġ Addizzjonali** li inti tista' tuża biex it-tfal ikompli jikkonsolidaw l-imgiba xierqa li għandha tintuża.

- Agħlaq il-lezzjoni billi turi lit-tfal stampi ta' tfal bħalhom. Liema tfal qed jagħmlu l-istess affarijiet li kien jagħmel Ġesù mal-ħbieb tiegħu. U liema mhux qed iġibu ruħhom bħal Ġesu.
- Tista tispicca wkoll b'xi puzzle jew memory game li għandek issuġġerit f'din il-lezzjoni.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Ġesù kien ħabib tajjeb għax kien jgħin lil kull min kien ikollu bżonn, jaħfer u jħobb u jaqsam ħinu mal-ħbieb
2. Biex inkunu ħbieb tajbin irridu nagħmlu kif kien jagħmel Ġesù. Dak li ma kienx jagħmel Ġesù ma nagħmluhx aħna.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**

Inġib ruħi ma' ħaddieħor kif irrid li ħaddieħor iġib ruħu miegħi.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecċ**

Fittex on line dawn il-logħob:

Puzzle url

http://songsofpraise.org/jigsaw2.php?imageurl=http://gardenofpraise.com/images/disc3.jpg&imageheight=640&imagewidth=529&imagetitle=The+Disciples+of+Jesus&callingpage=http://gardenofpraise.com/bibl27s.htm.



jew

memory game url

http://songsofpraise.org/imagepuzzle.php?puzzleid=4